# ĠIMGĦA MQADDSA 2012




**Għaqda Każin Banda San Filep**
**AD 1851**

# Comfort Health Plan



For an excellent level of health insurance cover at an affordable premium with treatment in Malta and overseas.

CitadelHealth

SwissLife

Your health is important to us – it's in our DNA

CITADEL HEALTH INSURANCE AGENCY LIMITED • 75 ST FRANCIS STREET • FLORIANA FRN 1031 • MALTA
TEL: +356 2010 6262 • FREEPHONE: +356 8003 1000 • E-MAIL: info@citadelhealth.com.mt • www.citadelhealth.com.mt

Citadel Health Insurance Agency Limited is enrolled under the Insurance Intermediaries Act 2006 to act as an insurance agent of SwissLife Prévoyance et Santé and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa: Fejn l-Istoriku u l-Artistiku jingħaqdu mad-Devot…

Philip Agius

L-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 ilha tgħammar fid-dar numru 12 Misraħ San Filep għal qrib id-disgħin sena. Hija dar antika li oriġinarjament kienet tagħmel parti minn Triq il-Kbira bħalma kienet ukoll il-wesgħa ta' quddiem il-knisja. Snin qabel ma saret każin kienu joqogħdu fiha l-familja tal-Perit Ġio Andrea Psaila, familja li għalkemm mhix Żebbuġija kien ilhom li ġew joqogħdu Ħaż-Żebbuġ. Tnejn minn ulied din il-familja kienu saru qassisin: Dun Pietru Pawl li kien sar famuż bħala Professur tat-Teoloġija u ħuh Dun Ġużepp li kien sar Vigarju għall-Parroċċa ta' San Filep wara l-mewt tal-Kappillan (Arċipriet) Borg. Dan tal-aħħar kien popolari ħafna u kien meqjus bħala wieħed mill-aħjar predikaturi ta' Malta. Meta spiċċa minn vigarju kien sar kappillan tan-Naxxar.

Id-dar li llum isservi ta' każin kienet inxtrat mill-Għaqda Filarmonika San Filep f'Jannar 1940. Ftit tax-xhur wara Malta sabet ruħha fil-gwerra. Minħabba fil-bumbardamenti nħasset il-ħtieġa li jitħaffru x-xeltrijiet. Waħda mill-kmamar tal-każin bdiet tintuża bħala uffiċċju ta' min kien jieħu ħsieb dan ix-xogħol f'Ħaż-Żebbuġ waqt li f'kamra oħra kienu jinżammu l-għodod tal-ħaddiema. Wieħed mill-ewwel xeltrijiet li tħaffru kien propju dak taħt din id-dar-każin. Kienu bosta familji li sabu kenn f'dan ix-xelter – u għad hawn min hu ħaj li kien jinżel jistkenn fih.

Fil-bidu tas-snin ħamsin saret l-ewwel rikostruzzjoni ta' din id-dar. Imbagħad għall-aħħar tas-snin sebgħin inxtrat ġardina li kienet biswit il-każin u fiha maż-żmien telgħet binja oħra li kabbret il-każin għad-daqs li naraw illum. B'hekk il-Għaqda sar għandha swali li fihom isiru bosta attivitajiet. Fi żmien ir-Randan, f'dawn is-swali jintramaw wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa li l-għan prinċipali tagħha huwa li tkompli tissaħħaħ id-devozzjoni lejn il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

L-esebiti huma mqassmin kemm fi swali u kemm fix-xelter li b'hekk ma baqax jagħmel biss parti mill-ġrajja tal-gwerra. B'hekk din il-wirja qed tgħaqqad l-imgħoddi storiku maż-żmien tal-lum. F'sala kbira tara x-xena unika u spettakulari tal-kruċifissjoni bil-kummentarju u l-effetti speċjali. Fi swali oħrajn tara sett ta' vari żgħar tassew artistiċi maħdumin minn Antoine u Joseph Magri u li juru l-episodji kollha mill-aħħar ċena sal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. Imbagħad ikun imiss li tinżel fix-xelter mħaffer fil-blat samm li bil-mod kif ikun imżejjen joħoq atmosfera li tħossha tqarrbek lejn l-Art Imqaddsa.



Iċ-Ċenaklu armat fil-Kantina tal-Każin





Il-Flaġellazzjoni u l-Ecce Homo: żewġ statwi mis-sett ta' Jonathan Agius



Dettall mill-Golgota



Id-difna fix-Xelter

# Każin Banda San Filep

Charlie Vella il-Barman ġdid
ċemplu fuq 9997 2920

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa.*

*Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*






Iċ-Ċenaklu jintrama f'kantina qadima mibnija b'ħitan ħoxnin li minnhom joħorġu ħnejjiet li fuqhom iserrħu xorok tal-franka. Minn din il-kantina tinżel b'taraġ għal ġo x-xelter fejn tara Via Crucis oriġinali maħduma bħala alto-riljev minn Antonio Mifsud sakemm tasal fix-xena tad-deposizzjoni tal-ġisem ta' Kristu fil-qabar. Ma tridx wisq biex tistħajlek wieħed minnhom qed tgħinhom iserrħuH fuq il-blata kiesħa. Titla' minn taraġ ieħor u ssib ruħek tassisti għax-xena tal-qawmien mill-imwiet.

Iċ-Ċenaklu, l-Golgota u d-Difna huma xeni bi tletin statwa kbira (lifesize) maħdumin mill-artist Alfred Camilleri Cauchi. Dawn l-istatwi huma mlibbsin bi drapp fin fl-istil Lhudi tal-epoka. Ta' min insellmu lill-Patri Donat Spiteri (Kapuċċin) li kien tana ħafna pariri siewja meta konna qed niddisinjaw din il-wirja. Patri Donat kien studjuż tal-Bibbja li ħalliena ftit xhur ilu.

It-tama tagħna hija li min jiġi jżur din il-wirja jieħu xi ħaġa tajba. Il-preparamenti u l-armar kollu jsiru b'mod volontarju minn membri tal-Għaqda Każin Banda San Filep.


**Riferenzi:**

'Storja ta' Ħaż-Żebbuġ', Luret Vella, editur Mons Lawrenz Cachia;

'Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep Ad1851', Dr Godfrey Farrugia, Philip Agius, Philip Balzan.





# Ġimgħa Mqaddsa 2012

Pubblikazzjoni Annwali
mill-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

• Editur: **Brian Bonnici**
• Bord Editorjali: **Philip Balzan, Josef Cachia**


*Ritratt tal-faċċata:* Vara żgħira antika tad-Duluri li ngħatat lill-Għaqda mill-familja Farrugia.


Issetjat u Stampat: Best Print Ltd, Qrendi



Il-Każin San Filep f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira 2011, tidher ukoll il-Banda San Filep tesegwixxi programm funebri



L-Onorevoli Cristina u l-Ex President Dr G. Farrugia fl-inawgurazzjoni tal-Wirja 2011

Editorjal:

# Kristu għadu jissallab fl-isfond tat-Tradizzjoni

Brian Bonnici



*Reġgħet waslet il-Ġimgħa Mqaddsa, ġimgħa partikolari u importanti fil-kalendarju annwali soċjo reliġjuż. Ġimgħa li hija mistennija minn ħafna u ġimgħa ferm maħbuba minna l-Maltin. Biex naslu għaliha rridu ngħaddu wkoll minn 40 jum ta' tħejjija u riflessjoni. Għall-poplu Malti u Għawdxi din hija wkoll ġimgħa partikolari fil-kalendarju folkloristiku, għaliex iġġib magħha bosta drawwiet u tradizzjonijiet. Iġġib magħha qawmien fl-aspett artistiku fid-diversi forom tal-arti, bi drama, wirjiet u bil-purċissjonijiet. Dan kollu huwa tajjeb u sabiħ, ħaqqu ammirazzjoni u apprezzament, għaliex kull wirja u attività li ssir, minbarra l-ispejjeż, titlob ħafna ħin ta' impenn u sagrifiċċji personali… Dan hu wirt li rridu nħarsuh …biss wieħed irid joqgħod attent li dawn l-avvenimenti ma jispiċċawx ħaġa ta' rutina jew delizzju u drawwa. Irridu nagħtu prijorità lill-veru sinifikat u oriġini tal-festi tal-Għid Nisrani u għalfejn tul in-nisġa tas-sekli l-poplu baqa' jfakkar din il-ġrajja li ħafna jsejħulha wkoll **L-AKBAR ĠRAJJA.**

F'din il-ġimgħa tispikka u tirrenja l-imħabba fi ġrajjiet ta' qtigħ il-qalb, it-tama u l-fidi f'ċirkostanzi li wasslu għall-mewt. Dawn kollha ġew minsuġin fi ġrajja ta' bniedem Alla, ta' ħbiebu u qrabatu. Nies li għexu 2000 sena ilu f'ċirkustanza li waslithom biex ħadu azzjonijiet u deċiżjonijiet differenti. Hija ġrajja ta' kuraġġ, ta' ħruxija, tbatija, tradiment, qtiegħ il-qalb, telfa u rebħa. Dan huwa l-veru sens tal-Ġimgħa l-Kbira. Kollox għandu jimxi f'din il-linja ta' ħsieb u direzzjoni. Il-vari sbieħ u daqstant ieħor il-wirjiet u d-drama… Imma dan m'għandux ikun il-bidu u t-tmiem ta' kollox. Din il-qoxra trid tgħina nifhmu b'mod viżiv din il-ġrajja. Biss din il-qoxra ma tistax taljenana jew timpedina milli nidħlu 'l ġewwa minnha biex naslu għall-veru sinifikat tal-ġrajja tal-passjoni u l-qawmien ta' Kristu. Huwa dan il-ħsieb li xtaqt naqsam magħkom.

Din is-sena flok is-soltu artiklu dwar tradizzjonijiet u folklor, xtaqt inpoġġi quddiemkom din l-isfida, sfida għal riflessjoni. Sfida li ġġiegħlna nifhmu u nħossu li fis-sena 2012, bħal fis-snin ta' qabel, madwarna għandna bosta Kristijiet li qed ibatu. Il-Ġimgħa l-Kbira mhix ħaġa ta' rutina, mhix tifkira li ddur mal-kartapesta u r-riħa tal-ikel, inċens u balzmu. Fil-Ġimgħa Mqaddsa tal-2012 għadni qed nara lil Kristu tradut mill-kollegi tax-xogħol u tal-familja, Kristu malafamat u mgiddeb biex floku jirrenja



Digit Line
Home Appliances, House Hold Goods,
Sound & Vision, Garden Furniture,
Loose Furniture, Bar-B-Ques, Air Conditioners
ONLY THE BEST BRANDS
ZANUSSI
KENWOOD
INDESIT
SAMSUNG
morphy richards
tescoma
... and more
Digit Line
F. Farrugia Street, Zebbug
Tel/ Fax: 2146 4329
Email: tantimp@waldonet.net.mt

u jilħaq ħaddieħor, lil Kristu miċħud minn martu jew mill-ġenituri tiegħu, fosthom minħabba gidbiet, l-orjentazzjonijiet jew il-fehmiet tiegħu. Kristu għadu mbarrat fiċ-ċella tad-dalma u tad-dipressjoni, Kristu għadu jkun imsawwat u fflaġellat bil-frosta ta’ abbużi ta’ kull xorta, kawża tal-qagħda soċjali tiegħu jew bix-xogħol prekarju, Kristu għadu mniggeż mix-xewk tal-ħajja, Kristu hu mgħobbi b’elf salib, slaleb skaldi nieqsa minn kull interzjar jew lostru. Kristu għadu tiela’ t-telgħa iebsa tal-ħajja kawża taċ-ċirkustanzi li għaddej minnhom hu u dawk ta’ madwaru. Kristu hu abbużat, Kristu għadu moribond, Kristu jinsab f’qiegħ ta’ sodda kawża ta’ mard li qed tqarrbu lejn id-dalma tal-qabar.

Dan Kristu hu muġugħ fiżikament u mentalment, l-aktar meta qed jara lill-martu u ’l Ommu mnikkta u addolorata rassenjata biswit soddtu. Il-Kristu tagħna mhux ġibs jew kartapesta imma hu Kristu tad-demm u l-laħam li ġie msallab bil-piż tal-ħajja għax ġie emarġinat jew abbużat. Qed nilmaħ ukoll lill-Kristu mejjet u midfun… imma dan għadu qed jieħu n-nifs, ma difnuhx fil-qabar imma difnuh f’daru jew f’xi residenza tal-Anzjani, għax issa xjaħ u qed jinsa… ħadd m’għadu jmur ikellmu u jżuru… għax miskin ma jagħrafniex billi qed ibati bid-dimensia.

Din hija l-Ġimgħa l-Kbira ta’ veru… Dan hu d-dramm tal-ħajja, dramm li ma jitlobx vestwarju, irtokk jew kurazzi jleqqu. Aħna wkoll jista’ jkollna parti… Kemm hu sabiħ li tkun il-Veronika li tixxotta wiċċ il-magħdur… Kemm hu sabiħ li tkun iċ-Ċirinew, li anke jekk dubjuż u beżgħan kapaċi tasal biex tgħin u terfa’ piż il-batut… Kemm hu sabiħ tkun Xmun Pietru li tidneb u tindem, tidneb u ssib il-maħfra. Kemm hu sew jekk bħal Kristu togħtor u taqa’… taqa’ biex tqum u meta terġa’ taqa’ jibqagħlek il-forza biex titħarrek u tqum… ’Il bogħod mill-aspett tradizzjonali tal-vari u l-bradelli, mill-fwieħa tal-fjuri u l-mixgħela tax-xemgħat, mill-pageants u l-vestwarju, li nerġa’ ngħid li kollha huma sbieħ u tajbin, hemm ukoll l-aspett realistiku tal-Passjoni… Kristu għadu jiġri magħna, għadu qrib tagħna. Jista’ jkun ħuna u l-ġar u jista’ wkoll l-akbar għadu li qatt ma ħamilna. Kristu qiegħed hemm u qed jistenna l-għajnuna… Il-Kristu tal-2012 nista’ nkun jien u tista’ tkun int.

Id-demm għadu jgelgel u jnixxi mill-ġrieħi… ġrieħi ffjammati, imbenġla u ħomor. Dan demm ta’ veru… ma tpittirx b’sengħa biż-żebgħa u l-verniċ. Għalhekk l-isbaħ aspett tal-Ġimgħa Mqaddsa huwa l-karità u l-imħabba, li jwassluna lejn id-dawl u l-qawmien… Qawmien li jista’ jibda minn issa fi ħdan din is-soċjetà mnawwra, bil-qerq, aljenata bit-tlellix u mgħarrqa fl-egoiżmu …ftakar biss li int tista’ tagħti sehmek. Ftakar f’kelmiet il-mislub ‘Dak li tagħmlu mal-iċken wieħed fuq din l-art tkunu qed tagħmluh miegħi’…




Leapster 2 Learning Game System
Baby Counting
First Steps
Sit to Stand
vtech
Hello Kitty
Barbie
20" Bike
Available with speed or without
Trico Truck
Gaucho Rock'in
MONOPOLY
Me to You
Spiderman Scivolotto
PICTIONARY
Woody
Buzz Lightyear
Over 100 Phones to choose from
Wi Fi
8520
c3
S8000
iPad
iPhone 4S
S5230
LCD & LED TV, DVD Players & Hi-Fi Equipment
BlackBerry
FUJIFILM
NOKIA
SAMSUNG
Panasonic
LG
DIE ECKE STATIONERY
DES
DIGIT ELECTRONIC SOLUTIONS
Mons. M. Azzopardi Street, SIĠĠIEWI • Tel: 27/21463403
School Street, Safi • Tel: 27/21641149
E-mail: info@desmalta.com
Website: www.desmalta.com
Find us on: facebook
DES Malta

# Drawwiet tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Ħaż-Żebbuġ Ħamsin Sena Ilu

**Peter Paul Ciantar**

Huma ħafna dawk id-drawwiet li wieħed jorbot mal-Ġimgħa Mqaddsa, l-aktar fil-lokal tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ... lokal antik bi storja kbira... lokal li wkoll influwenza rħula oħra, l-aktar dawk ta' madwaru. Ħafna minn dawn id-drawwiet ta' madwar 50 sena ilu għadhom marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa fil-lokal tagħna; oħrajn issawru ma' ħsibijiet u drawwiet oħra u libsu dehra ġdida.

L-Erbgħa tat-Tniebri kien jum ta' għors kbir għalina t-tfal. Ta' tfal li konna, ilkoll konna nkunu ppreparati fil-knisja tagħna f'Ħaż-Żebbuġ, biex meta jasal il-waqt inħabbtu s-siġġijiet ma' xulxin, hekk kif kienet tintefa' l-aħħar xemgħa tal-kandelabru. Konna nsejħulu t-terremot, biex infakkru t-terremot li sar mal-mewt ta' Ġesù.

U la semmejna s-siġġijiet, niftakar sewwa li għall-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka, dawn konna nikruhom minn ħdejn il-bieb prinċipali tal-knisja, sitt ħabbiet-il wieħed. Wara norbtuhom bil-maktur wieħed ma' wieħed. Kulħadd bis-siġġijiet marbuta għal tal-familja fis-soltu postijiet li donnhom kienu jkunu riservati għalina.

U x'tgħiduli għall-prietki tal-eżerċizzi li kienu jsiru fi Żmien ir-Randan? Tiftakruhom… in-nisa għalihom fit-tlieta ta' wara nofsinhar qabel it-tfal jiġu mill-iskola, u l-irġiel filgħaxija wara x-xogħol. Niftakar qisu lbieraħ li anke aħna t-tfal tal-iskola kienu joħduna għall-eżerċizzi fil-knisja waqt il-ħin tal-iskola.

Tiftakruha dik il-pjattaforma kbira, bis-salib kbir f'kantuniera u mejda żgħira taħtu, u li kienet tintrama mal-pilastru fejn jitqiegħed San Filep wara l-ħruġ min-niċċa? Tiftakruh dak il-final grandjuż tal-eżerċizzi li kien isir għal kulħadd nhar Ħadd il-Palm filgħaxija? U l-ġabra kbira u speċjali li kienet issir fi tmiemhom għall-festa ta' San Filep, peress li f'dawk iż-żminijiet il-festa kienet issir Ħadd qrib it-tnax ta' Mejju? Wara l-ġabra jingħaddu l-flus fuq il-mejda l-kbira tas-sagristija. Tgħidx kemm kien ikun hemm pjaċir ta' sodisfazzjon kbir, hekk kif kienu jindunaw li s-somma miġbura kienet taqbeż il-mitt lira... u dan 50 sena ilu! Erħilu, wara, l-arċipriet jgħarraf lil dawk preżenti fil-knisja li s-somma miġbura għall-festa ta' San Filep kienet ta' mija u aktar... 'Alla jbierek'… u kulħadd jinfexx f'ċapċip kbir. Niftakarni wkoll li nhar Ħadd il-Palm



filgħodu kont nieħu xi qatta mhux ħażin tal-weraq taż-żebbuġ biex inqassmuh mal-kmamar tad-dar tagħna ħalli l-għajn ħażina tibqa' barra u ma tidħolx mill-bieb 'il ġewwa. Oħrajn kienu jbaħħru bih... waqt li l-irġiel kienu jwaħħlu xi werqa jew tnejn forma ta' salib mal-pavru tal-ġlekk... min kien jilbsu.

Anke l-prietki tal-eżerċizzi dak iż-żmien kienu jsiru aktar prietki ta' twerwir u biża', b'dik il-vuċi ħoxna u solenni ta' xi qassis jew patri xiħ li kien idamdam knisja, milli prietki ta' Ġesù mimli mħabba, ħniena u tjubija bħalma jsiru llum. Kollox tbiddel!!!

## Niġu issa għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal tagħna kibret u kibret bis-sħiħ. Tant li nista' ngħid, mingħajr tlaqliq, li saret l-akbar waħda f'pajjiżna - u dan m'iniex ngħidu jiena għax Żebbuġi, iżda jgħiduh ta' barra mill-lokal tagħna li ta' kull sena jiffullaw biex jaraw il-purċissjoni tagħna.

Iż-żimarri li aħna t-tfal konna nissellfu jew nikru mingħand Dun Anton Galea (Ta' Mundu), li kien joqgħod Triq il-Kbira u li kien jieħu ħsieb il-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal tagħna, spiċċaw jew baqa' biss togħma żgħira minnhom; u flokhom daħlu kostumi bibliċi u suldati Lhud u Rumani, li trid seba' mitt għajn biex tiflihom sewwa. Niftakar lil oħt Dun Anton, Filippa, mara xwejħa b'xagħrha abjad u bit-toppu fuq wara, toħodli l-qies u wara taddattali ż-żimarra. Tgħidli biex nibża' għaliha u wara li tgħidli biex nirritornaha minnufih wara l-Ġimgħa l-Kbira, tagħtini wkoll il-ħin xħin inkun hemm għall-purċissjoni. Wara tiktibli fuq kartuna żgħira fejn hu posti fil-purċissjoni tar-raħal tagħna. Konna nikru din iż-żimarra għall-prezz ta' żewġ xelini. Xħin nasal biha d-dar, Alla jaħfrilha ommi kienet tagħtiha ħasla u wara tgħaddihieli u tlestiha għal dakinhar. M'għandniex xi ngħidu, kont nitlaq biha mid-dar għall-knisja l-kbira, u kont inħossni ferħan se ntir li nara lil kulħadd qed iħares lejja.

Iżda drawwa li hija marbuta biss mar-raħal tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ hija, mingħajr dubju ta' xejn, il-mod kif aħna nżejnu l-vari tagħna. Din hija dehra unika u tassew

JADE
JEWELLERS

*Trendy styles and designer jewellery*

We buy gold € € €

254B, Main Street, Żebbuġ, Malta
Tel: 21463833



għandna biex niftaħru biha. Ħadd ma jarma l-vari bħal tagħna. Dari x-xema' ta' bejn il-bukketti kienet tinxtegħel, iżda mal-ewwel buffura ħafifa kienet tintefa, għalhekk minn ħin għal ħin wieħed mir-reffiegħa kellu l-inkarigu li jixgħel mill-ġdid ix-xema' ta' madwar il-vari.

Jiena niftakar sewwa r-reffiegħa tal-vara l-kbira jiltaqgħu f'maħżen fit-triq, ta' Baskal it-Turment, (dik it-triq qasira li tagħti minn Triq il-Kbira għal Triq Sant'Antnin), u lkoll flimkien jagħmlu l-bukketti sbieħ kollha pariġġ il-kampjun li xi ħadd ikun fassal ftit qabel. Niftakar li dan kien isir nhar Ħamis ix-Xirka billejl u xħin ikunu lesti kollha, sbieħ il-Ġimgħa l-Kbira, tarahom kollha kburin iwaħħlu, wieħed wieħed bil-mod il-mod mingħajr għaġla ta' xejn, dawn il-bukketti f'posthom u dritti mal-vara l-kbira, kulħadd isammar u jirranġa d-dehra tal-vari, waqt li fil-knisja jkunu għaddejjin il-viżti tas-Sepulkru li fi żmieni kien jintrama fl-artal ta' San Ġużepp… kważi mal-bieb prinċipali tal-knisja tagħna.

Il-viżti kienu jibdew eżatt wara li tintemm il-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka u jibqgħu għaddejjin sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira wara nofsinhar, sa qabel tibda l-funzjoni tat-tlieta. L-għaqdiet kollha jorganizzaw il-viżti tagħhom, bl-aħħar waħda tkun għand is-sorijiet.

Fl-opinjoni tiegħi, f'dawk iż-żminijiet ta' tfuliti l-knisja tar-raħal tagħna fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira kien ikollha dehra mill-isbaħ. Tgħiduli xejn, dak id-damask iswed mal-korsija u l-ġnub, b'dawk l-emblemi tal-Ġimgħa l-Kbira fuq in-navi tal-korsija u b'dak id-drapp vjola li jgħatti l-kwadri tal-altari tal-ġnub, tat-titular u tan-navi, kien fih effett mill-isbaħ u jagħti dehra ta' ġabra u devozzjoni kbira. Aħfruli... għadni sal-lum ma nistax nidra d-damask aħmar fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-knisja tagħna.

U x'tgħiduli għal dawk il-vrus mużikali sbieħ li kienu jitkantaw mill-kor tal-irġiel, kor li kien joqgħod wara l-artal maġġur? Dawn il-versi mużikali kien kitibhom is-Sur Amante Attard, għall-Via Sagra solenni, u li hu stess kien jidderieġi. Kien verament kant li tassew iżejjen il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-knisja tagħna u li kienet tkun imballata bin-nies.

Il-parteċipazzjoni qawwija tal-każini tal-baned tar-raħal tagħna fil-Ġimgħa l-Kbira taw imbuttatura sewwa biex Ħaż-Żebbuġ jitfawwar b'entużjażmu f'dawn il-ġranet speċjali. Il-Banda San Filep minn dejjem kellha sett marċi sbieħ tal-Ġimgħa



Patri Ambroġ Delia li kien għadu kemm għalaq 50 sena fis-saċerdozju,
bierek il-wirjiet tal-2011.




Mqaddsa li kienu l-għira ta' xi wħud mill-baned Maltin. Ma nistax nifred il-Ġimgħa l-Kbira tagħna mill-marċi antiki ta' Melilli, Nicoletti u oħrajn li nsibu fil-librett tal-marċi funebri tal-Banda San Filep. Dawn, flimkien mal-ħoss taċ-ċuqlajta ħierġa mill-kampnar tal-knisja tagħna, iżejnu bil-bosta l-misraħ tagħna li laqa' fih min jaf kemm-il purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li diffiċli li tgħid meta saret l-ewwel darba.

Fir-raħal tagħna niftakar li ħafna vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu marbuta wkoll b'mod indirett ma' xi għaqdiet tal-lokal. Hekk, pereżempju, il-vara l-kbira kienu jerfgħuha membri tal-Banda San Filep immexxija minn Salvu l-Għawdxi, waqt li dik tad-Duluri kienet f'idejn reffiegħa minn ta' San Ġużepp. Il-vara tal-Veronika kienet f'idejn membri tal-għaqda tat-teatrin tal-lokal, waqt li għall-Marbut kont tara żgħażagħ reffiegħa mill-Azzjoni Kattolika, u l-vara tal-Orazzjoni fl-Ort kienu jieħdu ħsiebha xi membri tas-Soċjetà tad-Duttrina tal-Mużew.

Niftakar ukoll li l-Imgħobbi kienu jerfgħuh ħaddiema tax-xatt mir-raħal tagħna u dawn, minbarra li jridu jaħsbu għall-fjuri u x-xema' tal-vara, riedu wkoll jaħsbu għall-*Iscouts* li bid-daqq tat-trombi jew *bugles*, (kif konna nsejħulhom fi tfulitna), kienu jżejnu l-purċissjoni tagħna li  sena kienet tgħaddi minn ħdejn ta' Mamo bis-sehem tal-Banda De Rohan, u sena wara tgħaddi minn wara t-Tribuna bis-sehem tal-Banda San Filep.

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira hija l-akbar tradizzjoni, biex ngħidu hekk, marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa. Iżda nsibu ħafna drawwiet oħra marbuta ma' din



il-ġimgħa specjali tas-sena, bħalma nsibu d-diversi ħlewwiet li jfakkruk f'dawn il-ġranet sbieħ tas-sena. Wieħed jinnota li dan l-aħħar, dawn it-togħmiet antiki tal-Ġimgħa Mqaddsa reġgħu daħlu sewwa fil-kċina tad-dulċiera tagħna u qegħdin mill-ġdid induqu t-togħma bnina tagħhom. Iżda tgħiduli xejn, fl-antik, meta konna għadna tfal żgħar, dawn il-ħlewwiet kienu bħal manna fid-deżert li kienet tinżel mis-sema... it-togħma tagħhom kienet, biex ngħidu hekk, iddewweb il-qlub tagħna.

Jiena niftakar sewwa, pereżempju, matul ir-Randan kienu jħobbu jagħmlu ħafna l-imqaret tat-tamal b'dik it-togħma ta' maskta. Illum tarahom is-sena kollha… Iżda nistaqsi: huma bħal dawk tal-antik? U x'tgħiduli għal dak il-kwareżimal bil-lewż imfarrak u bil-għasel fil-wiċċ? U l-isfineġ biz-zokkor u dawk il-ftajjar tar-Randan li kienu jkunu ċatti u moqlija fiż-żejt? U

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**



**PADRE PIO**

**SAN GIOVANNI ROTONDO PIETRELCINA u POMPEI**

**MIT-28 TA' ĠUNJU SAT-2 TA' LULJU 2012**

**ĊEMPLU LIL MOUSÙ TRAVEL SERVICES**
**21230301, 21440146 jew 99710266**

**Mistieden Speċjali: L-Arċisqof Mons. Pawl Cremona**

x'tgħiduli għal dawk l-isfineġ bl-inċova, bil-bakkaljaw jew b'xejn, li kienu jkunu kbar jew miż-żgħar?

U la qegħdin insemmu l-ikel… Tiftakruh is-sawm u l-astinenza fil-ġranet tar-Randan? Tiftakru kemm ommijietna f'dawn il-ġranet kienu jħobbu jagħmlu fil-forn ftajjar tal-ġbejniet friski jew bl-inċova, b'dik l-għaġina tal-ħobż li wara li kienu jidilkuha biż-żejt, kienu jsajruha fil-forn b'nar ħafif? Tiftakru l-qassatat qishom roti żgħar tal-inċova jew tal-ġbejniet friski? Tiftakru kemm-il torta tal-ġbejniet, b'dik l-għaġina sfiljurata, kienu jsajru ommijietna fil-ġranet tar-Randan? Jew inkella dak il-bakkaljaw bil-fażola kbira, kemm kien ifewwaħ id-djar tagħna fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa? Tiftakru kemm fi żmien ir-Randan konna nieklu sopop bil-ful aħdar jew kemm konna nieklu bigilla magħmula mill-ful mgħolli, jew qaqoċċ iffullat biż-żebbuġ, tonn taż-żejt, inċova u bieba tal-ħobż? U dan minħabba li fir-Randan ma konniex nieklu laħam.

Anke ħobż f'sura ta' ħuta kont tara fi żmien ir-Randan. Illum ma nafx x'naqbad ngħid… kulħadd jaqta' għad-dritt u nibqgħu għaddejjin bħas-soltu. Iżda l-karamelli tal-ħarrub, imgeżwrin fil-karti strazzi u l-qagħaq tal-appostli li suppost ikunu miżgħudin bil-ġulġlien u bil-lewż twil għadek tarahom għand id-dulċiera u fil-pjazez tagħna.

Insemmu wkoll li dari l-bejjiegħa tal-ħut kienu jistennew b'ħerqa kbira r-Randan, għaliex fl-imgħoddi matul ir-Randan kollu, il-ħut kien jinbiegħ ferm aktar minn ġranet oħra ta' matul is-sena. Niftakar li fir-Randan, fit-toroq tagħna l-ħin kollu għaddejjin il-bejjiegħa tal-ħut, jimbuttaw xi karettun żgħir mgħobbi b'xi żewġ kavetti mimlija vopi u sawrell u jgħajtu 'friski u ħajjin' b'għajta li kienet tidwi sewwa fit-toroq antiki u dojoq tagħna.



Dari wkoll id-dulċiera fil-vetrini tagħhom kienu jħobbu jagħmlu l-ħaruf tal-Għid bilqiegħda fuq missall bil-bandiera tal-Irxoxt. Imbagħad naturalment mal-Għid jitfaċċaw ukoll il-figolli. Jiena niftakar sewwa dik il-figolla f'għamla ta' mara ħoxna bil-bajda fuq żaqqha. Din tal-figolla mimlija bl-intrita hija drawwa oħra li żgur tmur lura għaż-żminijiet meta fir-rebbiegħa kienu joffru ftajjar lill-alla mara ta' Żmien il-Ħaġar sabiex l-uċuħ ikunu għammiela u kotrana.

Jiena niftakar ukoll sewwa lil nannietna li mal-Għid kienu jagħmlu qassatat biż-żbib jew xi togħmiet oħra ħelwin… għax minn issa 'l quddiem nistgħu nieħdu ħlewwa kemm irridu.

F'dawn l-aħħar snin, ir-raħal tagħna Ħaż-Żebbuġ igawdi wkoll il-purċissjoni bi Kristu Rxoxt… xi ħaġa li fi żmieni ma kellniex. Iżda hawn nixtieq li nsemmi lil sieħbi Ġużeppi tal-Kurunetta li, niftakar sewwa, mad-daqq tal-qniepen tal-knisja tagħna - jiġifieri mad-daqq tal-Glorja, fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd - Ġużeppi l-Kaxxettier (kif kien magħruf magħna) kien ifaqqa' l-Kurunetta minn ħdejn Bieb il-Ġdid, biex jgħidilna li 'Kristu Rxoxta… Kristu Rxoxta bil-Bandiera'. Kien jaħsad lil kulħadd…iżda kulħadd kien jieħu pjaċir għax Ġużeppi kien tassew ifakkarna li Kristu ħareġ rebbieħ fuq il-mewt.

U naturalment id-drawwiet marbuta ma' din il-Ġimgħa Mqaddsa jintemmu nhar l-Erbgħa ta' fuq il-Għid f'Marsaxlokk fejn issir il-festa ta' San Girgor li l-purċissjoni tiegħu fl-antik kienet toħroġ bil-Monsinjuri u l-Arċisqof mill-Katidral fl-Imdina, tgħaddi minn tarf Ħaż-Żebbuġ, wara għaż-Żejtun u tibqa' sejra sa Marsaxlokk fejn hawn, ta' tfal li konna, konna nippruvaw nieħdu l-ewwel għawma tagħna. Ħafna Żebbuġin konna mmorru ma' xi *private* li kien jorganizza l-arċipriet jew xi għaqda reliġjuża tar-raħal tagħna.

Dawn huma drawwiet sbieħ li sawru l-poplu tagħna. Ħbieb… komplu ħudu ħsieb u ħarsu sewwa dawn it-tradizzjonijiet. Missirijietna kienu nies għorrief li ħolqu dawn id-drawwiet li issa daħlu sewwa fil-qlub tal-poplu tagħna u ssawwru u ntgħaġnu sewwa u saru parti mit-tradizzjoni reliġjuża u kulturali tagħna. Pajjizna, mingħajr dawn il-kuluri sbieħ kulturali, folkloristiċi u religjużi tiegħu, kien ikun pajjiż mingħajr qalb u ruħ! Mingħajr dik il-qawwa li tagħmlu bniedem komplet… bniedem sħiħ. Ħudu ħsieb li tkabbru aktar din il-Ġimgħa Mqaddsa fir-raħal tagħna, mingħajr ma twarrbu d-drawwiet u l-għeruq ħawtiela li tawna missirijietna.

***• Dan id-diskors inqara minn Peter Paul Ciantar stess, fl-2011 waqt il-programm tal-ftuħ uffiċjali tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep.***




# Ħtija Tiegħi

**Joseph Bonnici**

*24-06-2011*

## Ħsieb tal-Poeżija

Il-poeżija qiegħda titkellem fuq forom ta' ħtija li huma marbuta mal-passjoni. Hija qiegħda twassal messaġġ li kull bniedem jista' jkun il-ħtija ta' għemil li jweġġa' lil dak li b'mewtu salvana.

Ħtija tiegħi li hekk sfajt;
ħtija tiegħi maħqur bqajt;
b'weġgħat tal-biki u kbar;
b'weġgħat tal-ġenn b'dak li sar.

Jien sħaqt li tad-dnub hekk sar;
jien sħaqt l'int tkun f'ħruq tan-nar;
li jeqred ukoll b'għajja;
li jeqred malajr ħajja.

Għemili kien li tak ħaqq;
għemili kien fetaħ xaqq,
f'ġismek imnezza mid-demm;
f'ġismek li bata tgħidx kemm.

Ħadd ħliefi li b'martri tak;
ħadd ħliefi li b'mislub rak;
mgħobbi bil-ħażen tagħna;
mgħobbi bix-xitan, magħna.

Jien kont il-jasar tiegħek;
jien kont, dan insus miegħek;
għax dejjem rajt kif ħqartek;
għax dejjem xlejtek f'artek.

Kliemi kien għamlek sultan;
kliemi kien l-uriek setgħan;
minn tarbija kollha ferħ;
minn tarbija f'sid bla serħ.

U dan għal ġid l-għaddejtli!
u dan għax ferħ ġeddejtli!
b'imħabba daqstant kbira;
b'imħabba li taf dmirha.



# Jeff's Pastizzeria

F1, Triq il-Kbira, Żebbuġ ZBG 1309

**Mob: 9989 2821**

*Pastizzi • Pastizzi Tondi • Qassatat • Qassatat Inċova • Pizza Kwadra u Pizza Tonda • Timpana • Ross • Sausage Rolls • Meat, Chicken u Burger Pies Ham & Cheese • Arancini • Quiche Lorraine • Ravjul u Għaġina eċċ*

*Naċċettaw Ordnijiet għall-Parties*

# T'Emelda Butcher Shop




**Isabelle Bezzina**

**Tel: +356 2746 6389**

T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ŻBG 2490

# Vanity Fare



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories

**Visit us on Facebook**

109, Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta

*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

www.vanityfair.trolleymania.com

Find us on: facebook®

# Alfred Vella Gera

Anthony Vella Gera

Alfred twieled fit-13 ta' Novembru 1901 fil-Belt Valletta minn Walter Vella u Martha Gera. Fl-1934 iżżewweġ lil Evelyn Zarb u kellhom żewġt itfal, Anthony u Walter. F'żogħżitu kien membru fil-'Gioventu Cattolica'. Aktar 'il quddiem kien elett membru tal-'Malta Society of Arts, Manufacture and Commerce' u tal-'Casino Maltese'. Kien ukoll membru fl-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalem.

Huwa qabad il-professjoni ta' bankier meta fl-1920 daħal jaħdem mal-'Bank of Malta' (li aktar tard kien sar parti min-'National Bank of Malta'). Temm il-karriera tiegħu fl-1966 bħala Manager ta' dan il-bank li issa sar jismu il-'Bank of Valletta'.

## Il-Fotografija

F'nofs is-snin għoxrin tas-seklu li għadda, Alfred beda jagħtiha għall-fotografija, l-aktar ta' ġajjiet, xeni ta' toroq u veduti. Minn delizzju l-fotografija saret kważi professjoni u beda jbiegħ il-*postcards* bir-ritratti li jieħu. Kien jirnexxi għax kien jagħżel b'viżjoni artistika x'iġib fir-ritratti u s-sengħa li kellu għalkemm dilettant, ma kinetx ftit. Fi żmien l-aħħar gwerra, Alfred kellu l-*press pass* u ħa bosta ritratti tal-ħerba li ħalla warajh il-bumbardament tal-għadu. Minn dawn kien għażel sett ta sitta u għoxrin ritratt li semmieh 'Malta Bbumbardjata'.

## Ċinematografija

Alfred kien ċertament wieħed mill-pijunieri f'dan il-kamp. Tgħallem waħdu, kellu l-laboratorju tiegħu fid-dar, għamel hu stess filmati u bidel parti mid-dar f'ċinema. Saħansitra kien għamel hu stess parti mill-apparat li kien juża. Kien ifforma l-'Vela Amateur Film Company' u kien jagħmel *filmshows* f'daru. Uliedu għadhom jiftakru b'nostalġija l-filmati li kien juri lilhom u lil ħbiebhom waqt bosta serati.



L-ewwel film tiegħu kien 'Carnival in Malta 1928' u aktarx kien l-aktar li għamillu suċċess. Ġibed il-folol meta ntwera madwar Malta u Għawdex kollha, u ntwera wkoll lill-komunità Maltija ta' New York. Il-gazzetta Daily Malta Chronicle tad-9 ta' Ġunju 1928 irrapportat li tant kienu jmorru nies jaraw dan il-film li anke d-daħla taċ-ċinema kienet tkun imballata bin-nies. Fl-1929 għamel it-tieni film: 'Eventful Malta 1928/9'. Dan kien fih filmati diversi bħall-wirja agrikola tal-Imnarja fil-Buskett, il-funeral ta' Sir Filippo Sciberras u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ. Anke dan id-dokumentarju għamel suċċess kbir.


THE RIGHT SHOP
CONFECTIONERY
For all your convenience and daily needs
Supplied by 'La Barbon'
Open daily
including Sundays
& Public Holidays
6:00am – 8:00pm
Mdina Road, Żebbuġ
T: 21466612
M: 99442272


Vany's
by amy's collection
Clothes for all ages - Underwear - Baby Needs
Accessories - Jewellery - Home Linen - and more...
2, Paris Street , zebbug
Tel: 21467997
Email: amyscollection@gmail.com

Fl-1944 Alfred ġibed iċ-ċerimonja tad-dħul trijunfanti fl-Imdina minn Monsinjur Sir Michael Gonzi meta nħatar l-ewwel Arċisqof ta' Malta. Is-sena ta' wara ħareġ id-dokumentarju 'Malta Celebrates Victory' li juri ċ-ċelebrazzjonijiet li saru meta ntemm l-ġlieb bejn l-Allejati u l-Italja fl-1943. Fl-1947 għamel id-dokumentarju 'In Fulfilment of a Vow' biex jikkommemora il-Pellegrinaġġ Marjan tal-1944 meta l-istatwa tal-Kunċizzjoni ttieħdet minn Birkirkara lura lejn Bormla u b'hekk ġie ċċelebrat ukoll it-tmiem tal-gwerra għal Malta waqt li sar ringrazzjament li l-knisja parrokkjali ta' Bormla baqgħet qawija u sħiħa tul il-bumbardamenti.

Imbagħad fl-1960 ħareġ għall-ewwel darba film bis-*sound*. Kien jismu 'Heritage of Paul' u kien ifakkar id-dsatax-il ċentinarju min-nawfraġju ta' San Pawl fuq Malta. Kien intwera fl-Istitut Kottoliku taħt il-patronaġġ tal-Arċisqof Gonzi u l-Prim Ministru Dr Giorgio Borg Olivier.

Fl-1967 Alfred ħadem il-film dokumentarju 'Eventful Malta 1964/6' li fih ġab ġrajjiet li kienu seħħew f'dawk is-snin fosthom il-festi tal-Indipendenza, iż-żjara statali tal-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann. Fl-1972 reġa' ħareġ għall-wiri l-film 'Carnival in Malta 1928' din id-darba b'kummentarju bl-Ingliż minn Dr Wilfred Sultana li kien president tal-'Malta Amateur Cine Circle'.

Alfred miet fil-11 t'Ottubru 1989. Fl-2011 l-Imħallef Giovanni Bonello ddedika lil Alfred l-aħħar edizzjoni fis-sensiela 'Nostalgias of Malta' li ġġib l-isem 'Images of Alfred Vella Gera from 1920 to 1964'. Dan il-ktieb kien ippublikat mill-'Fondazzjoni Patrimonju Malti'.

Paul
Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

THE ROSE SHOP
24 Hours Delivery
Service 7 days a week
New Street, Qormi
Tel: 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696





# 12, Misraħ San Filep - Ħaż-Żebbuġ...
# Wirja b'seba' taqsimiet:

1. Ċenaklu (f'kantina antika)
2. Kruċifissjoni fuq il-Golgota
3. Id-Difna

Dawn it-tliet taqsimiet fihom 30 statwa *lifesize* maħdumin minn Alfred Camilleri Cauchi

4. Sett ta' Vari żgħar (maħdumin minn Antoine Magri)
5. Via Crucis - Sett ta' nkwatri alto-riljev (xogħol Antonio Mifsud, f'xelter taħt l-art)
6. Il-Qawmien mill-Mewt (Filmat)
7. Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1928 (Filmat qasir)

## Ħinijiet tal-ftuħ




- Mid-29 ta' Marzu sal-4 t'April 2012
  10:00am – 12:00 u 6:00pm – 9:00pm
- Ħamis ix-Xirka:
  10:00am – 12:00 u 6:00pm – 1100pm
- Il-Ġimgħa l-Kbira:
  10:00am – 1:00pm u 4:00pm – 10:00pm

  Organizzaturi:
  Għaqda Każin Banda San Filep AD1851

# Programm
# fl-okkażjoni tal-Ftuħ tal-Wirjiet

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv tal-Wirjiet** Agnes Pirotta
- **Daqq mill-Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep**
  taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Ciantar – għalliem sezzjoni ram

  **The Gentle Mist of Spring** – James Swearingen
  **Adagio** – Tomaso Albinoni
  (Solo: Christian Gauci fuq is-Saxophone Alto Solo)
  **Impressions** – Sandy Feldstein & Larry Clark
- **Leġġenda: In-Nannakola u l-Pitirross** Ylenia Tabone
- **Kanzunetta: Nella Fantasia** Albertine Abela
  Kanzunetta ta' Ennio Morricone, it-tema mill-film: The Mission
- **Taħdita: Il-Ġimgħa l-Kbira fi Sqallija** Brian Bonnici
- **Daqq mill-Banda taż-Żgħażagħ**

  **Once Upon a Time in the West** Ennio Morricone
  (Sopran - Alexia Felice)
  **Żewġ kanzunetti Tradizzjonali Russi** arr. Ralph Gingery
- **Il-Filmat tal-Purċissjoni tal-1928**
- **Diskorsi tal-okkażjoni:**

  **Mons. Ġwann Azzopardi**
  - Kuratur tal-Mużew Wignacourt
  **Dr Philip Sciortino**
  - President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

Inawgurazzjoni u tberik tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa minn Mons. Kan. Ġwann Azzopardi

Comperés: Tanya Borg u Albertine Abela

Direzzjoni u Produzzjoni: Philip Balzan, Josef Cachia, Christmark Chircop u John Scerri



# Attwalità ta' xi Persunaġġi Bibliċi fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

Joseph Flask

Fil-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira iktar ma jgħaddi ż-żmien qed jiżdiedu il-figuranti/persunaġġi bibliċi. Se nsemmi biss lil Abram, lil Sara u lil Rebekka, għaliex fl-opinjoni tiegħi, għalkemm għixu żewġ millenji ilu, ċertu aġir tagħhom jista' għandu xebħ fil-ħajja tagħna llum.

## Abram

Dak li nafu fuq Abram jinstab fil-Ktieb tal-Ġenesi (11,27; 12-25), rakkont sintetiku, iżda, li jqarreb sew ir-realtajiet ta' dawk iż-żminijiet. Skont kif hemm fil-Ġenesi, Abram iben Terah, twieled f'Ur tal-Kaldin, madwar 1800 sena qabel il-miġja ta' Kristu fid-dinja u għex għal 175 sena. Alla nnifsu, għażel u sejjaħ lil Abram u qatgħu mill-paganeżmu ta' artu; kien Alla li mexxih minn Ħaran lejn Kangħan l-art il-ġdida fejn għamel minnu "ġens kbir u kabbarlu ismu" - il-poplu Lhudi, li minnu kellu jitwieled il-Feddej. Għalhekk, Abram, l-ewwel Patrijarka Bibbliku, huwa Missier il-Lhud u Missier l-Insara kollha u permezz ta' ibnu Ismagħel huwa wkoll Missier il-ġens Għarbi.

Apparti r-rakkont tal-Ġenesi, tagħrif ieħor, jista' jinkiseb minn dak li inkiteb mir-Rabbini Lhud fit-*Torah*, fejn insibu hemm stejjer ħelwin u interessanti, rakkontati b'lingwaġġ popolari, kważi puwerili. Minn dawn se nislet battibekk kemxejn sħun bejn Abram u missieru. Bħal bqija f'Ħaran, missier Abram, Terah, kien pagan u jadura l-allat foloz. Kien jagħmel statwetti tagħhom u kien iqabbad lil Abram imur ibigħhom. Darba minnhom kellu inċident u xi statwetti waqgħu fl-art u nkisru. Minkejja dan sab min jixtrihomlu xorta waħda. Abram li, kien ilu li wieġeb għas-sejħa ta' Alla veru, ikkonvinċa ruħu li dawk l-istatwetti kienu bla valur. Lura d-dar ta l-flus lill-missieru li kuntent qallu: "Iberkuk l-allat tiegħi għax permezz tiegħek xogħol idejja sewa xi ħaġa". Abram kien pront wieġeb u qallu: "Missier, lilek iridu jbierku u mhux lili, għaliex inti għamilthom u għalhekk inti l'alla tagħhom". Terah, irrabja ħafna, bit-tweġiba ta' Abram, li kompla jfissirlu kif l-allat li fihom kien jemmen, anki dawk tal-ifjen deheb, ma jiswew xejn, u għax magħmulin mill-bniedem xi darba jew oħra kienu se jispiċċaw fix-

xejn. Abram, żied jgħidlu li "Dak Alla li ħalaq kollox, li sebbaħ is-sema, li xegħel ix-xemx, li dawwal il-qamar u l-kwiekeb, li feraq l-ilma mill-art, u ħalaq lilek ukoll Hu biss huwa l-veru Alla. Lili persunalment fetaħli moħħi u ħelisni miċ-ċpar u mill-kaos ta' madwari".

Din l-aħħar sentenza ta' Abram, tfisser il-bidu tal-kuxjenza umana. Abram jixbah lil dawk li f'ħajjithom jaslu f'mument li jiddeċiedu li jiċħdu it-taħwid (=kaos) li kienu qed jgħixu fih, li jinfatmu totalment minn dak it-twemmin fieragħ li minnu kienu maħkuma wara li aċċettawh b'għajnejhom magħluqa. Dik id-dinja li spiss tagħmina. Dejjem lesti naċċettaw dak kollu li toffrilna indipendentement hux tajjeb jew le: għaliex kollox jidhrilna li huwa stabbilit minn qabel u għalhekk se jintlaqa' minn kulħadd. It-tama hi li bħal Abram, il-bniedem xi darba jew oħra jiġi f'sensieh u jaqta' linja. Abram tefa' wara spallejh id-dinja pagana u beda l-mixja fid-dawl tat-Tradizzjoni vera, ħajja u dejjiema.

## Sara

Anki dwar Sara, ftit li xejn insibu fil-Ġenesi, għajr li kienet mart il-Patrijarka Abram, li għalkemm ma setgħetx tiled lejn tmiem ħajjitha weldet lil Iżakk. F'dan l-istess Ktieb (Gen 12: 10-20) hemm episodju ċkejken konness mal-mawra fl-Eġittu ta' Abram li, minnu joħorġu fid-deher il-kwalitajiet sbieħ ta' Sara: sens għoli ta' mħabba u rispett lejn ir-raġel tagħha kif ukoll imġiba morali eżemplari.



Skont it-*Torah*, u xi kitbiet apokrifi, Sara, kienet mara sabiħa, għaqlija, mara ta' prinċipji sodi, u qatt ma tilfet ġmielha u l-innoċenza tagħha. Waqt il-vjaġġ lejn l-Eġittu, waqfet ftit minuti qrib nixxiegħa tal-ilma li bħal mera xehed is-sbuħija ta' Sara "L-ilwien tas-sbuħija ta' Sara dlonk infirxu mal-Eġittu kollu". Abram, ħares lejn martu u tpaxxa biha, iżda, is-sbuħija u l-fattizzi perfetti tagħha ħasbuh mhux ftit. Intebah li s-sbuħija ta' Sara setgħet tqajjem il-konkupixxenza tal-kbarat Eġizzjani u forsi wkoll tal-Fargħun li seta' jara kif jagħmel biex jagħmilha tiegħu. Inħallu hawn l-istejjer u nisiltu mill-Ktieb tal-Ġenesi.


protection
for all your needs...
Untours Insurance
| Old Bakery Street, Valletta VLT 1450, Malta |
| Tel: 2122 3441 | Fax: 2124 3796 |
| email: insurance@untours.com.mt |
Agents for:
QICI
A RATED BY
STANDARD & POORS

“Malli kien qorob biex jidħol fl-Eġittu, (Abram) qal lil Sara, martu: Ara, jiena naf li int mara sabiħa fil-għajn; u issa meta jarawk l-Eġizzjani jgħidu: ‘Martu din!’ u joqtlu lili u jħallu lilek ħajja. Għid, mela, li inti oħti, biex jien ikolli r-riżq bik, u ħajti tibqa’ sħiħa minħabba fik.”… “l-Eġizzjani li l-mara kienet sabiħa ħafna, rawha wkoll il-fizzjali tal-Fargħun u faħħruha quddiemu”… (Ġen 12: 10-15). Fiċ-ċirkustanzi Sara wriet li kienet mara tassew u bħalma jgħidu l-Ingliżi, ħarġet *with flying colours*, u xejnet ix-xewqat u l-kilba tal-Fargħun, anki jekk b’intervent divin.

Sara kienet ukoll mara sottomessa, għexet sal-aħħar nifs ta’ ħajjitha għall-oħrajn, li bi kliem ieħor tfisser “soġġettività etika” moħħha fil-ġid tal-ieħor iktar milli fl-interessi tagħha. Illum insejjħulha sempliċement “mara twajba”. Illum spiss inħalltu it-tjubija mal-istupidità. Jidher li Sara kellha intelliġenza mhux komuni. Filwaqt li Abram kien jgħallem lill-irġiel hija kienet tgħallem lin-nisa; id-don tal-profezija kien iktar qawwi fiha milli f’Abram: kienet magħrufa bħala “Iska” – dik li tara bil-quddiem. Mhux ta’ b’xejn jingħad li, Sara, kienet bassret l-istorja sħiħa ta’ Iżrael u għalhekk kienet talbet bil-ħrara kollha lil Alla biex iħares u jassisti lill-poplu “tiegħu” fl-għawġ u fil-mumenti diffiċli. Nagħlaq b’mistoqsija: tgħid, Alla, sema’ it-talb ta’ Sara?

## Rebekka

Inti li għoġbok taqra din il-kitba, taħseb bħali li, it-talba ta’ Sara, tista’ tkun applikata anki għall-bnedmin in ġenerali, għad-dinja li qed ngħixu fiha: dinja fejn ħafna għandom qalbhom maqtugħa, mitluqin, moħhom f’dak li hu fieragħ, jibnu fuq ix-xejn u l-agħar: warrbu lil Alla minn ħajjithom! Mhux aħjar nerfgħu wiċċna ’l fuq u b’umiltà (għadha teżisti din il-kelma?) nitolbu ħniena, noħolqu viżjoni ta’ ħajja u dinja ġdida li tassigurana ġejjieni iktar sabiħ, kwiet, seren ibbażat fuq ir-rispett bejn l-aħwa u s-sliem? Biex iseħħ dan, iżda jrid ikollna, ideat ċari u prinċipji sodi li, forsi, mhux dejjem jistgħu ikunu popolari, anki fl-ambjent familjari. Rebekka, mart Iżakk, kien fid-dawl ta’ din ir-realtà li aġixxiet u ħadet deċiżjoni kruċjali għall-ġid tal-Poplu Lhudi kollu u biex tkompli l-“mixja” għal dinja nisranija mibdija minn Abram.



Mill-Ktieb tal-Ġenesi, nafu li, Rebekka kienet bint Betwel bin Milka u Naħor, ħu

Abram. Skont it-tradizzjoni u d-drawwiet ta' dak iż-żmien, meta Abram kien għoddu wasal biex imut, xtaq l-ewwel jara lil ibnu Iżakk miżżewweġ lil mara minn art twelidu u "mhux mill-bniet tal-Kanagħnin". Rebekka, ma setax ikollha tfal u l-istess bħal kunjata tagħha Sara, weldet wara li Iżakk talab lil Alla b'ħeġġa kbira. Hija kellha tewmin li d-differenza karatterjali tagħhom kompliet tidher iktar ma bdew jikbru. Jirriżulta żgur li Iżakk kellu ċerta preferenza għal Għesaw - bidwi u kaċċatur tas-sengħa - għax kien il-kbir fost it-tewmin u għalhekk kellu d-dritt tal-"primoġenitura" u tal-"barka", filwaqt li Rebekka kienet iktar miġbuda lejn Ġakobb - raġel ħassieb u riflessiv, kwiet u kalm, li kien jgħix fl-għerejjex - dejjem lest jifhem lill-oħrajn.

F'dan il-kuntest, fil-Ġenesi, hemm żewġ episodji li ddeterminaw il-ġejjieni tal-poplu Lhudi u t-tisħiħ tal-pjan imniedi minn Alla, li ċertament jiġġustifikaw il-preferenza li kellha Rebekka għal Ġakobb. Qed nirreferi għal meta Għesaw biegħ id-dritt tal-primoġenitura tiegħu lil ħuħ Ġakobb, għall-platt għazz (Ġen 25: 29-34) u għall-barka miksuba, b'qerq, minn Ġakobb mingħand missieru Iżakk (Ġen 27: 1-29). Rebekka kienet preżenti fiż-żewġ okkażjonijiet. Ċertament baqgħet impressjonata bi kliem Għesaw fuq il-primoġenitura: "Arani, jien se mmut. X'nagħmel biha l-primoġenitura?"(Ġen 25: 32) u għaliha dan kien ifisser li Għesaw ma kellux il-valuri u l-potenzjalità li jsir il-Patrijarka tal-Poplu Magħżul minn Alla, u għalhekk, approfittat mill-fatt li Iżakk kien għama u ddeċidiet li tgħin lil binha Ġakobb jikseb il-barka ta' missieru.

Forsi, aġir Rebekka ma kienx eżemplari, imma hija, għalkemm kienet tħobb liż-żewġ uliedha, għarfet tiddistingwi bejn dak li kien jista' jgħodd għal kulħadd u l-kwalitajiet tal-"magħżul" illum insejħulu "il-ġid komuni, il-ġid tal-umanità". Kienet kapaċi, kellha l-kuraġġ, li tagħżel, anki lil hemm mit-tradizzjoni, mid-drawwiet, anki jekk stabbiliti, li fihom kien jemmen Iżakk.



Kemm xebħ bejn Għesaw u Ġakobb u t-tfal tal-lum, anzi Għesaw u Ġakobb illum huma persuna waħda, wieħed identifikat fl-ieħor. Iż-żewġ protagonisti bibbliċi jgħixu f'uliedna. Anki llum, bosta missirijiet huma kompletament għomja, u torox, ma jafux

jagħrfu l-ħsieb tal-ommijiet li iktar mill-irġiel huma inklinati għat-tbassir. Rebekka, b'makakkerija jew b'qerq, sabet tarf tas-sitwazzjoni u ħadet "l-aħjar deċiżjoni" (sic!).

Forsi mhux illum ukoll il-maġġoranza tal-missirijiet u tal-ommijiet jagħmlu minn kollox biex iwittu l-aħjar triq għal uliedhom? Iżda, ħafna drabi, "oħrajn", mhux biss il-ħbieb imma wkoll familjari jinfluwenzaw mod ieħor lill-uliedna bl-ixxi, bin-nofs veritajiet, b'ideat "ġodda" li wara ftit dik il-bozza li tkun inxtegħlet f'moħħ l-adolexxenti, iż-żgħażagħ tagħna tintefa' u... jaqa' d-dlam.

L-ambjent ta' madwarna, is-sistema edukattiva, is-soċjetà ma jgħinux wisq f'dinja immirata l-aktar lejn il-qliegħ... meta l-ekonomija dinjija, u fil-preżent għaddejjin minn din l-esperjenza, hija logħba tal-ażżard; it-teknoloġija mhux dejjem użata għall-ħwejjeġ essenzjali; kollox mibni fuq ix-xejn bil-konsegwenza li wara żgur hemm il-baħ! Id-differenza karatterjali ta' Għesaw u Ġakobb hija riflessa f'uliedna.

Kemm tfal, għaliex jixbħu lil Ġakobb, bħalu, huma vittmi tal-*bullying*, "tal-persunalità arroganti ta' Għesaw" li donnu ħadd ma jista' għalih, jaf li se jirbaħ! Dan kollu jfisser li jrid ikun hemm komunikazzjoni sħiħa u kontinwa bejn il-missier u l-omm, rabta sħiħa bejn il-ġenituri u l-ulied, li ma jistgħux jitħallew kompletament għal riħthom: f'isem dik l-imħabba li laħqet il-milja tagħha dak in-nhar tat-tnissil tal-ulied.



# Żebbuġ Video Rental

**Vjal il-Ħelsien Żebbuġ**

*Tel: 2146 8835*

No. 1 for new releases DVDs
We also have: telephones bombox, stereos, stereo systems, cd players, dvd players, hifi accessories and also coloured photocopy service.

# FREDDIE'S

**Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa, żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals, sport shoes, minn ditti renomati, basktijiet ta' l-iskola, handbags u kartieri.**

**Sciortino Street, Żebbuġ Tel: 2146 5915**

# FOOTWEAR

# CENTRE POINT STATIONERY

**Your perfect gifts for Easter, Mother's Day, Holy Communion Souvenirs and other special occasions.**



**We wish you a Happy Easter!**

Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ
Tel: 2146 1500



# Munita ta' Ġuda

Lorenzo Zahra



Ftit huma dawk li jafu li meta l-Ordni ta' San Ġwann waslet Malta fl-1530 ġabet magħha rikkezzi kbar ta' relikwi. Fost dawn kien hemm relikwi tal-Passjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu li bil-passjoni ħarxa li ġarrab, fdiena.

Meta waslu l-kavallieri għamlu tagħhom il-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu. Kull nhar Ħamis ix-Xirka kienu jesponu fuq l-artal ta' dik il-knisja waħda mill-muniti li bihom Ġuda ttradixxa lil Ġesù biex ġie f'idejn il-marmalja tal-Lhud. Din kienet waħda minn fost relikwi oħra li kellha l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li twieldet bil-għan li tħares l-Art Imqaddsa. Kien il-Prijur tal-Ordni li jmexxi l-funzjonijiet u dan kellu privileġġi daqs l-isqfijiet billi ċ-ċerimonji tiegħu kienu pontifikali.

Dakinhar fil-Birgu kienu jitqassmu kopji tax-xama ta' din il-munita lill-kavallieri. Jingħad madanakollu li fis-sena 1558, il-munita kienet insterqet. Dan jgħidu l-kittieb storiku l-Kavallier Bosio fil-kitba tiegħu dwar l-istorja tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann (f'paġni 395-8). Dan jgħid ukoll li l-munita nstabet jumejn wara u l-ħalliel ħa dak li ħaqqu. L-ordni baqa' jisserva bil-knisja ta' San Lawrenz sa ma nbniet il-Knisja tal-Vitorja u wara dik ta' San Ġwann fil-belt il-ġdida jiġifieri sas-sena 1572.

Il-Kavallieri bħala gwardjani tal-qabar ta' Kristu kienu daħħlu l-użanza li s-sepulkru li jfakkar fil-qabar ta' Kristu kien jiġi armat bi fjuri u dwal mill-aqwa u setgħet kienet din ir-raġuni li fostna daħlet id-drawwa li s-sepulkru jkun hekk armat tant sabiħ.



Fil-Knisja Konventwali – illum il-Kon-Katiddral ta' San Ġwann hemm ukoll relikwa ta' xewka ta' Kristu li tinsab fl-ostensorju tal-fidda magħruf bħala t-Tolo. Hemm ukoll il-Kurċifiss tal-metall li jkun fuq l-artal ta' San Karlu li hu miżmum bħala li sar mill-metall tat-tilar li bih Kristu ħasel riġlejn l-appostli kif ukoll relikwarju l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann tad-deheb li fih relikwa tas-Salib ta' Kristu u li kien jinżamm fit-tabernaklu tal-artal ta' San Ġorġ fl-istess knisja ta' San Ġwann.

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**



## VIDEOLINK
## ŻEBBUĠ

DVD/ VIDEO PRODUCTIONS - Mobile No.: **7972 8969**

- DVD tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ 2010
- DVD tal-Pageant "l-Allat li Waqgħu" 2010 miż-Żebbuġ Pageant Group
- DVD ta' l-inawgurazzjoni tar-restawrar tal-Faċċata tal-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ li saret nhar is-7 ta' Mejju 2010
- DVD tal-Praċett subien u bniet 2010
- DVD tal-Praċett u tal-Griżma tal-Isqof tas-snin ta' qabel.

Servizzi:

DVD għall kull okkazzjoni bħal tiġijiet, anniversarji, etc.

Noffru pariri u konsultazzjonijiet professjonali bla ħlas.



Ċemplu fuq Mobile No.: **7972 8969**

# F'dawn il-Jiem… Riflessjonijiet għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa

**in-Nutar Dr. Philip Ellul**
*LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D.*

F'dawn il-jiem, l-umanità kollha tistenbaħ minn raqda profonda u tieqaf quddiem ix-xbihat ta' dawk kollha li ħanqu l-Għolja tal-Golgota, b'għajnejhom mgħarrqa fid-dmugħ, iħarsu lejn Ġesù mislub ma' salib tal-injam, filwaqt li x-xemx tgħib u twaqqa' dalma kbira ma' kullimkien.

* * *

F'dawn il-jiem, l-insara minn madwar id-dinja kollha jmorru Ġerusalemm, u hawn jieqfu biex iħabbtu fuq sidirhom, filwaqt li jħarsu lejn ix-xbieha ta' Bin il-Bniedem iġorr kuruna tax-xewk fuq rasu, b'idejh miftuħin beraħ quddiem vojt li jaħkem kollox.

* * *

F'dawn il-jiem, is-siparju tal-lejl ma jinżilx fuq in-Natura qabel ma dawk kollha li jemmnu jinġabru flimkien fid-dlam tal-mistħija u jinsatru fil-friex tal-injoranza u l-indifferenza.

* * *

F'dawn il-jiem, il-filosfi jixirfu mill-għerien mudlama, l-eremiti miċ-ċellel kesħin, u l-poeti mill-widien imsaħħra, u lkoll jitilgħu u jieqfu fuq l-Għolja fis-skiet, biex għal darb'oħra jisimgħu lil raġel żagħżugħ ilissen quddiem min ikkundannah għall-mewt: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."



* * *

F'dawn il-jiem, it-tfal u ż-żgħażagħ, ilkoll imbeżżgħin minn futur li ma jafux x'għandu mħejji għalihom, jieqfu, iħarsu lura, u jilmħu lil Marija ta' Magdala tixxotta bi dmugħha l-qtar tad-demm minn fuq riġlejn Bin il-Bniedem, minxur fuq salib bejn art u sema.

* * *

F'dawn il-jiem, l-umanità kollha tqum mar-rebbiegħa u tinfaqa' tibki quddiem it-tbatija

u l-uġigħ tas-Sultan tal-Lhud. Imbagħad tagħlaq għajnejha u mill-ġdid tinħakem min-ngħas tal-aljenazzjoni. Iżda r-rebbiegħa tibqa' tishar sakemm issir sajf imdewwed b'riħa ta' fwieħa mill-aktar qawwija.

* * *

L-umanità taġixxi bħal tifla ċkejkna li tieqaf tħares iċċassata lejn għasfur li jinstabat mal-art bi ġwinħajh maqtugħha, iżda li mbagħad titwerwer quddiem tempesta qawwija li fi triqitha tqaċċat u tkisser dak kollu li ssib quddiemha.

* * *

L-umanità tħares lejn Ġesù, imwieled bħall-ifqar fost il-fqar, li għex ħajtu bħal wieħed miżerabbli, umiljat bħal wieħed dgħajjef, ikkundannat għall-mewt fuq salib bħal kriminal, filwaqt li tibkih u tfakkru bħala bniedem li ħtieġlu jġarrab dan kollu biex ikun meqjum għax hu l-Iben t'Alla. Madankollu, Ġesù ma ħalliex lilu nnifsu jinħakem mill-biża', u ħajtu ma temmhiex jokrob bl-uġigħ, iżda miet bħala bniedem li l-kobor tiegħu jisboq lil dak ta' kull bniedem ieħor li għex u li għad irid jgħix.

* * *

Ġesù mhuwiex bħal dak l-għasfur li nstabat mal-art bi ġwinħajh maqtugħha, iżda huwa bħal dik it-tempesta qawwija li tqaċċat u tkisser dak kollu li ssib quddiemha. Ġesù ma ġiex fid-dinja biex jagħmel lit-tbatija s-simbolu tal-ħajja, iżda ġie biex jagħmel lill-ħajja s-simbolu tal-verità u tal-ħelsien minn kull jasar. Ġesù ma beżax minn dawk kollha li kienu jippersegwitawh, u daqstant ieħor ma weriex biża' quddiem l-għedewwa tiegħu, u qatt ma ħadha kontra min ried u rnexxielu jikkundannah għall-mewt. Iżda, għall-kuntrarju, Ġesù għex ħajja pubblika mill-aktar nobbli, u wera kuraġġ liema bħalu quddiem id-dlamijiet li kien hemm madwaru. Kien jisma' b'widnejh stess lil dawk kollha li kienu jixluh u jgħidu kontra tiegħu, u dan ġiegħlu jaqa' fis-silenzju. Iltaqa' wiċċ imb'wiċċ mal-ipokrezija tal-bnedmin u għaraf jegħlibha b'setgħa tal-għaġeb.



* * *

Ġesù Kristu ġie fostna biex ixerred ma' kull rokna tad-dinja ruħ ġdida, b'saħħitha, u li għandha l-qawwa li tqaċċat is-saqajn ta' kull tron, iġġarraf kull palazz maestuż, u teqred għalkollox kull idolu falz li joħloq moħħ il-bniedem. Hu ma ġiex fostna biex jgħallem lid-dixxipli tiegħu kif għandhom jibnu knejjes ta'

kobor bla qies biswit il-giren mudlama u għerja ta' min huwa fqir, iżda biex jibni fil-qalb ta' kull bniedem tempju qaddis fejn hu jkun jista' jgħammar għal dejjem.

* * *

F'dawn il-jiem, Ġesù Kristu jħares minn fuq l-Għolja tal-Golgota u jara s-sekli għaddejjin wieħed wara l-ieħor, jisma' t-tnehid u l-krib bla waqfien tal-ġnus tad-dinja, u jifhem il-ħolm ta' kull bniedem. Hu li, imsallab mas-salib tal-umiljazzjoni, tal-abbandun, u tal-ebusija tal-qalb ta' kull bniedem, jixhed maesta' divina ta' kobor bla tarf, li jixirqilha qima bil-wisq ikbar minn dik li tixraq lil elf re f'elf saltna. Hu li jissielet f'kull ħin kontra l-Mewt b'qawwa u b'kuraġġ akbar minn ta' elf suldat f'elf armata waqt elf battalja. Hu li fit-tbatija kollha tiegħu huwa aktar ferħan mir-rebbiegħa qalb il-fjuri tagħha. Hu li fl-uġigħ kollu tiegħu huwa aktar seren mill-anġli kollha tas-sema. Hu li quddiem l-għedewwa tiegħu huwa aktar ħieles mid-dawl tax-xemx. Il-kuruna tax-xewk fuq rasu hija wisq iktar meraviljuża minn dijadema. L-imsiemer imdeffsa fil-pali ta' jdejh huma wisq iktar imponenti mix-xettru ta' Giove. Il-qtar tad-demm fuq riġlejh ilellex wisq iżjed mill-kullani kollha ta' Astarte.

* * *

F'dawn il-jiem, għalhekk, bi ħrara ikbar minn dik ta' jiem oħra, nitolbu lil Ġesù biex ikollu ħniena minna lkoll, dgħajfa u midinbin, u nduru lejh niedma u sogħbiena, filwaqt li nitolbuh jeħlisna mill-jasar tad-dnub. Hu, li qered lill-Mewt u ta l-ħajja mill-ġdid lil min kien diġà midfun fil-qabar, iħenn għalina u jfawwarna bi qdusitu.


# Żebbuġ Stationers & Newsagents

*For all kinds of stationery, magazines, books, a large selection of greeting cards, toys, gifts, watches, lamination, photocopying service, digital printing, developing and printing of films and more ....*

**Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 21466076, 21462545**

# It-Triq Tas-Salib u Tal-Qawmien

## *Kitba Oriġinali tal-Via Crucis tal-Kardinal Joseph Ratzinger, Illum il-Papa Benedittu 16*

**maqluba għall-Malti minn Philip E. Said**

*2009*



### It-Tmien Stazzjon: Ġesù jiltaqa' man-Nisa ta' Ġerusalemm huma u jibkuh

Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh, u fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu: "Hienja dik li m'għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!"

Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, "Aqgħu fuqna!" U lill-għoljiet, "Ordmuna!" Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela x'se jsir minnu meta jixrief?"

Mill-Vanġelu skont San Luqa (23, 27-31)

### Riflessjoni

Tħassruk in-nisa twajba fi triqtek ta' tbatija,
U Inti, iva, irrikonoxxejt dik tagħhom il-mogħdrija.
Iżda donnok ċanfira ħelwa ridt tgħaddilna
Għax ma xtaqtx li nuru Miegħek tjubija biss ta' sentimentaliżmu:
Emozzjoni li ma twassalx għal twemmin sod u konverżjoni.
Ma jiswa xejn li nilmentaw minn ta' din id-dinja l-gwajjijiet
Jekk imbagħad inħallu lil ħajjitna tgħaddi bla indiema kif għaddiet!
Mhux ħasra sentimentali urejt li minna trid
Imma li nifhmu sew tal-ħtijiet tagħna r-realtà
U nindmu minnhom, naħsbu fuq ħajjitna bis-serjetà.
Jista' jkun li, minkejja l-espressjonijiet ta' rabja
Għall-gwerer ta' madwarna u tal-innoċenti il-moħqrija,

Xorta nibqgħu ma napprezzawx biżżejjed il-misteru tat-tbatija.
Jista' jkun li nibqgħu nitħassru t-tbatija, bħalma tħassritek il-kongregazzjoni
U, aljenati, ninsew li għall-ġustizzja mhux inħarsu biss irridu iżda azzjoni.
Fakkarna f'dak li Int, Mulej: Int Imħabba u Ġustizzja,
Int jimpurtak mhux mill-ħażen tagħna, iżda minna
U trid li Miegħek naħdmu sabiex tkun tista' ssalvana.
Quddiem it-tbatijiet tat-triq imħarbta li mgħobbi bis-salib imxejt
Ma nistgħux innaqqsu ta' dnubietna l-gravità.
Man-nisa rridu nibku biex nuru l-bidla għas-sewwa u lejk il-fedeltà.
Lilna wkoll, man-nisa ta' Ġerusalemm
Qiegħed tgħidilna: "Mhux wirjiet ta' emozzjoni,
Iżda bidu ġdid irrid, u konverżjoni!"

## Talba



Mulej, man-nisa mbikkija ta' Ġerusalemm, Int tkellimt fuq l-indiema għall-konverżjoni; tkellimt fuq il-jum il-kbir tal-aħħar ħaqq meta lkoll nidhru quddiemek, l-Imħallef l-aktar ġust tad-dinja u tal-istorja. Int issejħilna biex inħallu warajna l-banalità tal-ħażen, biex innaddfu l-kuxjenza tagħna u nkomplu mexjin 'il qudddiem. Mulej, Int turina s-serjetà tar-responsabbiltà li għandna, tal-periklu li nidħlu għall-ġudizzju Tiegħek imtaqqla bil-ħtija mhux skużabbli. Agħtina l-għajnuna biex meta inħabbtu wiċċna ma' nies għajjiena bit-toqol tal-mard u tal-ħtija, ma nikkuntentawx b'kelma biss ta' mogħdrija jew empatija, iżda noħorġu jdejna t-tnejn biex magħhom inġorru t-tbatija. Dawrilna dejjem id-direzzjoni Lejk u agħtina ħajja ġdida. Itmana bil-kelma, tuqna bil-grazzja Tiegħek biex fl-aħħar ma ssibniex zokk niexef, iżda friegħi ħajjin Fik, id-dielja vera li trodd il-frott ta' ħajja eterna.

## Id-Disa' Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-Tielet Darba

Tajjeb min jistenna fis-skiet is-salvazzjoni tal-Mulej;
tajjeb għall-bniedem li jerfa' l-madmad sa minn żgħożitu,
li joqgħod waħdu u sieket, meta jgħabbihulu l-Mulej;
li qiegħed ħalqu fit-trab – għandu mnejn jifdal xi tama;
li jagħti ħaddejh lil min isawtu, li jimtela biż-żeblieħ.
Għax ma jarmix għal dejjem lill-bniedem il-Mulej,
Għax jekk hu jgħakkes, iħenn skont il-kotra ta' tjubitu;
Għax mhux minn qalbu jgħakkes, jew iweġġa' qalb il-bniedem.
Silta mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet (3, 26 - 32)

## Riflessjoni

X’tista’ tgħidilna mit-tielet waqgħa Tiegħek taħt is-salib?
Wara li kellimtna fuq il-waqgħat mid-djufija tagħna ta’ bnedmin
Ma tridx ukoll tfakkarna fil-waqgħat imsejkna
Ta’ dawk li, avolja jġibu Ismek bħala nsara,
Tbiegħedu minnek fis-sakra tal-edoniżmu
Ta’ dinja bla Alla mħassra bis-sekulariżmu?
Ma tridx, forsi, tfakkarna kemm tħossok tbati
Bl-indifferenza li kultant taħkem l-istess Knisja Tiegħek?
Kemm spiss is-Sagrament tal-Preżenza Mqaddsa Tiegħek
Jiġi abbużat meta tidħol fi qlub mill-maħfra battala
Jew, agħar, bit-tbajja’ tad-dnub marrada?
Kemm-il darba niċċelebraw mhux Lilek jew il-qaddisin ħbieb tagħna
Imma lilna nfusna, u bil-frugħat ħassejna li aħna setgħana?
Kemm-il darba għawwiġna kliemek
Biex nakkomodaw il-ħsibijiet ta’ kburija tagħna?
Kemm-il darba żammejna ma’ teoriji fiergħa u bla sustanza
U għamilniehom regola ta’ mġibitna, għax hekk kienet l-użanza?
Kemm weġgħat tħoss fil-Knisja Tiegħek
Minħabba f’dawk li, jaħasra, tbiegħdu mill-wegħda
Li tawk li jkunu kollha Tiegħek?
Kemm minna nonqsuk fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni
Met’Int tistedinna biex Miegħek nissieħbu f’patt t’assoċjazzjoni
Iżd’aħna, ras iebsa, suppervi, inkomplu ’l fuq nerfgħu rasna?
Dan kollu seħħ qabel fit-tradiment ta’ Ġuda d-dixxiplu
Li ma stmerrx fl-Aħħar Ikla jirċievi bla mistħoqq
Il-Ġisem u d-Demm li b’sagrifiċċju ridt lilna trodd;
Dan kollu preżenti fil-passjoni li bis-sabar, bla ebda stennija, ġarrabt.
Quddiem din it-tbatija kollha simboleġġata
Bl-esperjenza tat-tliet waqgħat, xejn privileġġata,
M’hemm xejn aqwa milli mill-qigħan ta’ qalbna
Ngħajtu sogħbiena, ‘Kyrie Eleison, salvana u isma’ talbna!’

## Talba



Mulej, aħna, il-Knisja Tiegħek, spiss inħossuna bħal dgħajsa titbandal mal-mewġ, fil-periklu li tegħreq. Fil-għalqa Tiegħek kultant naraw aktar sikrana milli qamħ. Dan il-wiċċ tal-Knisja jikkonfondina, Mulej. Iżda huwa aħna li tebbajnieha! Aħna li ċħadniek għal darba, darbtejn, minkejja l-kliem sabiħ u

l-wegħdiet solenni! Ħenn għall-Knisja, Mulej, agħdirha. Fi ħdanha wkoll hemm l-Adam li jaqa', il-Pietru li jiċħdek, il-Ġuda li jittradik! Il-qawwa tal-ħażen taħseb li rebħitek, tifraħ li kaxkritek mal-art mill-ġdid, iżda Int terġa' tqum, u tista' tqajjem lilna Miegħek, terġa' tagħti il-ħajja mill-ġdid 'l-Knisja midinba, imma sogħbiena. Min-nawfraġju tal-ġifen ta' Pawlu, wellidt il-Knisja fil-gżira Maltija. Eħles u qaddes 'il-Knisja. Eħles lilna fil-Knisja minn esperjenzi li ma jaqblux mal-Ispirtu Tiegħek, u salvana!

## L-Għaxar Stazzjon: Ġesù mneżżа' minn ħwejġu

**Meta waslu f'post igħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa, tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu u ma riedx jixorbu. Imbagħad sallbuh, u qasmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti, u nxteħtu bilqiegħda u qagħdu hemm għassa tiegħu.** Mill-Vanġelu skont San Mattew (27, 33-36)

## Riflessjoni

Ċarrtulek bil-herra ħwejġek minn fuqek u għabbewk bil-mistħija.
Il-ħwejjeġ ukoll Int ridt illi jaqdu funzjoni soċjali:
Jagħtu lill-bniedem il-post li jixraqlu fis-soċjetà,
Jagħtuh status soċjali u identità.
Meta ġagħluk tidher għeri fil-pubbliku
Riedu jwarrbuk mis-soċjetà u jċaħħduk mid-dinjità.
Dan il-mument ta' għera u twarrib
Ta' dak li ġara fl-Eden iġibna hekk qrib:
Hemmhekk ukoll l-ewwel bniedem staħa
Mneżżа', indiehex tassew bil-mistħija, u beka
Għax fl-għera nduna li tilef ta' wiċċ Alla d-dija.
Din il-kondizzjoni tal-bniedem imdiehex f'tal-għera il-mistħija
Ħadtha wkoll fuqek biex sal-aħħar iġġorr tagħna l-bnedmin il-ħtija.
Aħna wkoll bi dnubietna nitilfu l-libsa
Tad-dinjità li tajtna bl-imħabba u l-grazzja Tiegħek.
Taħt is-salib tal-fidwa, xortihom tellgħu s-suldati
Biex jaqsmu l-unika proprjetà li kellek, ħwejġek, bejniethom;
B'hekk seħħet kelmet is-Salm: il-libsa ta' fuqi tkun xortihom! (Salm 22, 19)
Hekk fissirt lil ħbiebek fi triqtkom lejn il-belt ta' Emmaws:
Kollox iseħħ skont l-Iskrittura, xejn ma jsir b'kumbinazzjoni,
Kull ma jiġri jinsab mistur fil-Kelma t'Alla u fir-Rivelazzjoni
Kelma qaddisa bħala sinjal jew sagrament li juri pjan sħiħ ta' salvazzjoni.
Int, Mulej, għaddejt mill-istadji kollha
Tal-waqgħat tagħna mill-grazzja,
Iżda kull waqgħa, minkejja l-kruha tagħha,
Issir, bis-saħħa ta' kelmtek li tfejjaq, pass ieħor lejn il-fidwa

Sabiex kull darba n-nagħġa l-mitlufa terġa' tilqa' f'darek
U tqabbadha mill-ġdid it-triq u żżommha tedha madwarek.
Għax Int, imneżża' mit-tunika minsuġa biċċa waħda, bla ebda ħjata (Ġw.19, 23)
Għażilt li tibqa' Ragħaj ħanin li tfittex sal-aħħar u b'fehma soda daqs blata.

## Talba



Mulej, Ġesù, imneżża' minn ħwejġek, espost għall-mistħija, mistmell mis-soċjetà, ħadt fuqek il-mistħija ta' Adam u tagħna, u fejjaqtha. Ħadt fuqek ukoll il-ħtiġijiet tal-fqir, it-tbatija tal-marid, it-tkeċċija tal-immigrant bla dinjità soċjali. U tajt tifsira 'l dak li għalina jidher mingħajr tifsira, mingħajr valur. Dan hu l-mod kif int tfehemna li Alla Missierna jżommna f'idejh biex iħarisna. Nissel fina rispett profound lejn il-bniedem fl-istadji kollha tal-eżistenza tiegħu u fil-kundizzjonijiet kollha li fihom niltqgħu miegħu. Libbisna bid-dawl tal-grazzja Tiegħek.

## Il-Ħdax-il Stazzjon: Ġesù msammar fuq is-Salib

**U qegħdulu fuq rasu l-kundanna tiegħu, li kienet tgħid hekk: 'Dan hu Ġesù, is-sultan tal-Lhud'. Imbagħad miegħu sallbu żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh, iċaqilqu rashom u jgħidu: "Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben t'Alla, u inżel minn fuq is-salib!" Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ, u jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Israel! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih!"** Mill-Vanġelu skont San Mattew (27, 37-42)

## Riflessjoni

Ġesù, kbir kien l-uġigħ li ħassejt waqt it-tislib fuq l-għolja!
Aħna ma nifhmuhx; idea biss ta' dana jista' jkollna,
Ta' din il-proċedura kiefra li ma titwemminx.
Il-ħall qares li offrewlek dlonk Int irrifjutajt,
Iżda minn rajk u mill-qalb, tat-tislib l-agunija
Ma stkerrahtx u fis-skiet fuq spallejk aċċettajt.
F'ġismek imsallab kliem is-Salm qegħdin iseħħu:
'Sura ta' bniedem ma baqagħlix, minn kulħadd imwarrab,
Minkejja li l-weġgħat tagħhom kollha erfajt
Ħarsithom jaħbu minni, u wiċċhom jaħbu minn wiċċi b'demmi mxarrab.

Quddiem id-dehra Tiegħek mifnija, imsallba u mġarrba
Ħa nieqfu biex naħsbu f'dawk ħutna l-imwarrbin.
Kemm pretensjonijiet u preġudizzji inżommu f'ħajjitna,
Kemm inħabblu moħħna biex naħarbu t-tbatija
U minflok nagħżlu t-triq li naħsbu li se ġġibilna t-tgawdija
Bla qisna li jeżisti qies fit-triq għal ta' kull it-tfittxija!
Għallimna naraw is-superfiċjalità tal-ġid materjali
U nifhmu li l-vera sustanza tinsab f'dak spiritwali.
Fakkarna nħarsu Lejk fiż-żminijiet ta' prova u tribulazzjoni
U nifhmu li propju f'dawn il-mumenti nkunu l-eqreb Lejk
Sabiex ikollna verament il-paċi Tiegħek u magħha l-konsolazzjoni.
Għallimna naraw f'wiċċek imbenġel
Il-wiċċ b'ħarsa miksura tal-marid fuq sodda,
Il-bikja bid-demgħa ta' nies imwarrba jew miċħuda,
Il-ħarsa anzjuża ta' min ifittex kenn għax daru fir-regħba ġiet meħuda.
Ikkundannat u msallab setgħetek bqajt ma wrejtx,
Imma t-tbatija kiefra sal-aħħar issaportejt
U sabiex teħles mill-kefrija imkien ma ġrejt.
Kemm insara matul iż-żmien ma' salibek infnew
Fil-persekuzzjonijiet li bħalek sofrew,
'Ma sħaħ baqgħu f'twemminhom, għal ebda theddid ma ċedew!
Għen lilna llum sabiex ma' kull tiġrib negħlbu d-djufija,
Agħtina d-dawl u l-kuraġġ biex ukoll tal-hemm imbierku s-sbuħija!

## Talba



Mulej, Ġesù, ħallejtu jsallbek il-bniedem! Aċċettajt fis-skiet tip ta' tbatija li qerditlek ġismek u neżżgħetek mid-dinjità tiegħek ta' bniedem. Ma ħrabtx minn dit-tbatija, lanqas ħsibt kif tista' tnaqqasha. Agħmel li aħna wkoll qatt ma naħarbu minn dak li Inti ssejħilna għalih. Għinna nibqgħu fidili lejn is-sejħiet Tiegħek. Ħalli jkollna d-dehen li nagħrfu bejn dik il-libertà li tbiegħedna minnek u l-libertà l-oħra, awtentika, li tagħtina ħelsien veru għax tqarribna Lejk. Żommna marbutin Miegħek biex nagħrfu nirrispettaw id-dinjità tagħna u tal-oħrajn bħala bnedmin li aħna.

*Nota tal-editur: minħabba t-tul, din il-kitba ġiet imqassma f'erba' partijiet li qed jidhru f'dan il-ktejjeb bejn is-snin 2010 u l-2013. Din hija t-tielet parti.*

# Il-Ġimgħa l-Kbira – Dmugħ u Demm Imħallta

Victor Scerri



Fuq dik il-Għuda ħarxa,
Muġugħ u miksi dmija,
Imsammar l-Iben t'Alla.
Isofri l-agunija.

Il-preżentazzjoni miskina ta' Sidna Ġesù Kristu, it-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità, Alla huwa wkoll, imlibbes in-natura umana, hija waħda mill-aktar preżentazzjonijiet li jagħtu stampa tqila, ħarxa, kattiva, ta' dan Ġesù evidentement tellief, mirbuħ, mitmum, għad illi fil-verità, din il-passjoni inkredibbli, kienet il-fattur li bdiet ir-Rebħa, il-Glorja ta' dan l-istess Sidna Ġesù Kristu.

Klila tax-xewk fuq rasU,
Għax Hu s-*Sultan tal-Lhud*,
Xewwiexi, Ribell, Midgħi,
Allura ħaqqu jmut.

Ġesù ma ċaħadx. Ma qallhomx: Isma x'intom tgħidu? Intom mortu minn moħħkom? Ma tafux li jiena l-Iben t'Alla l-Ħaj? Ma ntbaħtux li jiena fejjaqtilkom lil nieskom, lil qrabatkom? Xejn minn dan, Sidna Ġesù Kristu, awtomatikament aċċetta li kellu jbati. Li kellu jmut. Li kellu jqum mill-imwiet. U ħtieġlu jgħaddi minn dan kollu, għalina. Għalik u għalija. Għalih u għaliha. B'imħabba.

Kustat miftuħ inixxi,
Fuq ġisem li safran,
Kien qiegħed tiela' w nieżel,
Jilheġ għal ftit serħan.

Ġesù ħallat id-dmugħ, l-għaraq u d-demm flimkien. Taħlità waħda. Ilma tan-niket. Ilma tal-mard u l-uġigħ. Ilma tat-telfa u tad-dwejjaq. Ilma tal-imrar u s-sogħba. Ilma tad-deni u l-ħsara. Ilma tad-dardir u l-kruha. Imma minn dan kollu, Ġesù wettaq is-safa'. Xettel, ġedded u kattar l-imħabba. Għax intbagħat biex jeħlisna. Biex b'demmu mxerred, ninfdew. Biex nirtu s-Saltna TiegħU.

Wiċċu kien ġerħa waħda,
Demm, nefħiet u tbenġil,
IdejH ukoll minfuda,
l-aħħar mument deher tqil.

Ġesù bata għall-imħabba li kellu u għad għandu għalina. Ma qagħdx iqis li Hu l-Iben t'Alla. Ma ħasibx kif seta' jiskansa dik it-tbatija kollha. Ma kellux għalfejn jissawwat bil-ponn, jilqa' l-bżieq fuq wiċċU, is-swat bil-ktajjen u l-frosta, jkun imżeblaħ, mgħajjar u mixli, jkun mgħobbi s-salib u msammar fuqu. Imma fis-sew l-Imħabba tiegħU għalina, kien ikbar, ferm ikbar minn dan kollu.

Riġlejh kienu minfuda,
l-imsiemer imdeffsin,
l-għaraq iċarċar miegħU,
x'mewta tal-waħx hi din?!!!

Is-snin igerrbu jew itiru, u minn dakinhar ta' din il-Passjoni għalina l-Insara Mqaddsa, għaliex batiha għalina l-Iben t'Alla nnifsU, u dan għas-salvazzjoni tagħna, Ġesù għadu jsofri, għadu jbati, għadu jweġġa' meta jara nies oħra, xbiha tiegħU, imsallbin mid-dittatorjat, mill-iskarsezza tal-ikel, mill-faqar, mill-mard, mill-uġigħ, mit-tribulazzjonijiet tal-ħajja kontemporanja minkejja kull avvanz teknoloġiku-xjentifiku-mediku u ekonomiku.

Illum Kristujiet oħra,
Imsammra mas-salib,
Imsawwta mingħajr ħniena,
Dan li l-mibegħda ġġib.

U l-Insara jerqsu qajl, qajl lejn is-salib ta' dawn in-nies imsejkna, jisquhom kif jistgħu, jitimgħuhom kif jistgħu, bil-moħbi xi minn daqqiet, għaliex il-Gvern ta' pajjiż jew ieħor, ma jippermettilhomx assistenza, u mbeżżgħin minn pwieni li jistgħu jiffaċċjaw minn mument għall-ieħor joffru l-id tal-ħbiberija u s-solidarjetà tagħhom. Imma nsara oħrajn, jiskartaw lil hemm.

Insara lesti jgħinu,
Jagħtuhom naqr' għixien,
Insar' oħrajn idabbru
Lil hemm, għax dak mhux jien.

U sakemm jibqa' min hu egoist, Kristu jibqa' msallab. Sakemm jibqgħu dawk li ma jagħtux kas, Kristu jibqa' jgħajjat bl-uġigħ. Sakemm jibqgħu dawk li jfarfru


Chris
Auto Mechanic
& 24HR Towing Service
Repairs & services on all types of Petrol and Diesel Engines.
Specialising on diagnostic equipment.


renovating your home
Your success is our goal.
BOV HOME LOANS
2131 2020 | bov.com
Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply. The term of the loan must not go beyond retirement age.
Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street
Valletta VLT 1130 - Malta
BOV
Bank of Valletta



L-Onor. Cristina, Dun Salvin Micallef u Dr G. Farrugia fix-Xelter quddiem id-Difna



Tnejn minn sett ta' ħmistax-il vara żgħira - xogħol l-aħwa Magri, esebiti fil-Każin Banda San Filep



r-responsabbiltà, Kristu jibqa' milwi ganċ taħt it-toqol tas-salib. Salib li jmissna nġorru aħna. Imma Ġesù offra li jerfgħu Hu. Lilna ħalliena komdi f'darna, imlibbsa tajjeb, imsaħħna sewwa, imfissda minn imħabbtU, tabilħaqq.

Wiċċ Kristu għarqan xraba,
Nifsu batut, muġugħ,
u int meqrud bid-droga,
u dak jgħid kontra ħuh.


Il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

U tkompli l-mixja għajjiena ta' midinbin flimkien li jkomplu 'l Kristu jsallbu, mifluġ, muġugħ, għajjien. Din hija l-Ġimgħa Mqaddsa, din hija s-siegħa, l-ħin, Kristu wasal fi tmiemu, ġo qlub ħorox iebsin. Inti u jiena nħarsu, maqbuda aħna t-tnejn, nippruvaw naraw x'ġara, mingħajr ma nifhmu xejn. Jekk inkomplu nwebbsu qalbna, ser nibqgħu ma nifhmux żgur.

Għax Kristu miet u rebaħ
il-mewt biex iħallilna,
it-testment tal-fidwa tiegħU,
għax b'mewtU feda lilna.

- **Kummissjoni Ġimgħa Mqaddsa:** Josef Cachia, Gerald Brincat, Rosario u Doris Ciantar, Rosario Magri, Jonathan Agius, Agnes Pirotta, Philip Balzan, Mary Mallia, Ġuża, Brian u Tarcisio Mifsud, Paul Schembri, John Scerri, Joe Tabone, Carmen Cutajar, Phyllis u Saviour Chetcuti, Joseph Bugeja, Polly Vassallo, John Chircop u Anthony Farrugia.
- **Ritratti:** Albums tas-Soċjetà
- **Ħajr:** Lill-Kontributuri kollha u lil dawk kollha li rreklamaw

***Din is-sena l-Banda San Filep tferraħ liż-Żebbuġin bid-daqq tal-Valzi tal-Għid tul il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep***


White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com


ATTRANS
Established 1976
INTERNATIONAL TRANSPORT
Malta Office
Attrans Ltd
Attrans Depot, Mdina Road
Zebbug, Malta
Tel : +356 22585500
Fax : +356 21465675
Email : info@attrans.com
Benelux Office
Attrans B.V.
Kelvinring 24, 2952BG Alblasserdam
The Netherlands
Tel : + 31 78 6920820
Fax : + 31 78 6920829
Email : info.nl@attrans.com